**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 139/2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**SVEN BONNICI**

**Illum, 14 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **SVEN BONNICI** li tressaq quddiemha akkużat tall fit-12 ta ' Marzu 2022, bejn is-07:30am u d-09:00am ġewwa Żejtun;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Mariah Farrugia f'periklu car, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-gisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq is-sieħba tiegħu , l-istess **Mariah Farrugia**, hekk kif iċċertifika Dr. Glenn Garzia M.D 3226 miċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana

2. Mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeg oħra iebsin

(bott tal-birra), jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra s-sieħba tiegħu, l-istess Mariah Farrugia

3. Xħett jew ħallejt warajk xi flixkun, landa kontenitur tal-ikel, karta tal-ippakjar tal-ikel, ħġieġ, frak tal-ikel jew kull artiklu jew ħaga oħra f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazzju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess u/jew dan id-depozitu, jew tħollija ma kienx awtorizat b'liġi .

4. Soqt il-vettura ta' għamla Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni ICF949 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.

5. Għamilt ingurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lis-sieħba tiegħek, u ċioe **Mariah Farrugia** jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

6. Volontarjament ksirt il-paċi pubblika u/ jew l-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied.

7. U aktar talli ikkometta reat waqt li kien taħt ordni operattiv ta' liberta kondizzjonata ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta presjeduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke L.L.D. nhar l-10 t'Ottubru 2021, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tiġi mibdula.

8. Barra min dan, l-imputat Sven Bonnici huwa akkuzat talli rrenda ruħhu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenza hija deffinitiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta ' Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li tohroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Sven Bonnici** u benefiċċju ta ' **Mariah Farrugia** u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikoli 412C tal-Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' **Mariah Farrugia** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Sven Bonnici** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu

taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta ' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mill- liġi, tordna lill-imsemmi **Sven Bonnici** sabiex iħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9. tal liġijiet ta' Malta .

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta’ Novembru 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u ċioe`:

a. Fl-Artikoli 214, 215, 218 (1), 216(1)(a), 202(h)(vi) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

b. Fl-Artikolu 339 (1)(b), 7, 12, 13 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta ' Malta;

c. Fl-Artikoli 3 u 9 tal-Att dwar żiebel u skart, Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Fl-Artiklou 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal Liġijiet ta' Malta;

e. Fl-Artikolu 339 (e)7,12,13 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

f. Fl-artikolu 338 (dd)7,13,13 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

g. Fl-Artiklu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ huwa wieħed ta' vjolenza domestika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta u l-akkużi kollha huma marbuta ma' inċident li seħħ fit-12 ta' Marzu 2022 fejn l-imputat allegatament weġġa' lil Mariah Farrugia, is-sieħba preċedenti tiegħu f'argoment quddiem ir-residenza tagħha meta, dejjem allegatament, taha daqqa bir-riżultat li sofriet offiżi f'widintha; inċident li ġie rapportat lill-Pulizija mill-istess Mariah Farrugia u missierha John Mary Farrugia ftit tal-ħin wara[1].

Illi peress li l-imputat jiċħad l-akkużi kif ukoll fl-istqarrija rilaxxata minnu waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija, innega b'mod assolut li huwa aggredixxa lil Mariah Farrugia u weġġagħha, il-Qorti tqis illi jeħtieġ li jsir evalwazzjoni bir-reqqa tal-kredibbilita' tal-verżjoni tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni sabiex tista' tasal biex tiddetermina l-ħtija o meno tal-imputat għar-reati li jinsab mixli bihom.

[1] Ara rapport tal-okkorrenza (Dok. AM2) u x-xhieda ta' PS 583 Evan Grech tat-13 ta' Ġunju 2022.

**Mariah Farrugia**, l-allegat vittma, xehdet[2] illi hija lesta taħfer lill-imputat, li qabel kien l-għarus tagħha, għal dak li ġara fit-12 ta' Marzu 2022 fejn kellhom argoment ħdejn id-dar tagħha ġewwa ż-Żejtun fit-12 ta' Marzu 2022. Hi kienet rieqda fid-dar tagħha ġewwa Triq taż-Żejtun, u semgħet ħoss, fejn sabet il-ħġieġa tat-tieqa tal-kamra tagħha mifqugħa. Għalhekk niżlet isfel u flimkien ma' missierha ħarġet mill-bieb ta' barra fil-parapett biex tara x'kien ġara u għalkemm ma kien hemm ħadd, ftit wara rat lill-imputat ġej fit-triq isuq karozza sewda. Ratu jsuq ftit bis-saħħa u niżel in-niżla tat-triq tagħha "*naqra bis-saħħa*". L-imputat niżel mill-karozza u taha daqqa fuq widnejja biċ-ċatt. Meta ġiet mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat tahiex id-daqqa mill-ewwel kif niżel mill-karozza, ix-xhud wieġbet: "*Iva dak il-ħin ma nafx kif kienet, b'konfużjoni ma niftakarax*". Xehdet ukoll ili dak il-ħin bid-daqqa kienet konfuża ħafna u "*fi stat ta' ġenn*" u anke meta xehdet fl-10 ta' Mejju 2023 kienet tidher li ħassitha emozzjonata meta ftakret minn x'hiex għaddiet. Ma setgħetx tiftakar x'kien għamel missierha waqt dan l-inċident għaliex "*dak il-ħin qlajt id-daqqa u kont qed inżomm widnejja*"[3] iżda ftakret illi fi x'ħin l-imputat ġie quddiemha biex jagħtiha d-daqqa, missierha kien qiegħed warajha u dak il-ħin li ħadet id-daqqa, daret fil-ġenb u kienet qed tħares mhux lejn l-imputat li kien quddiemha, jew lejn missierha, iżda lejn in-naħa l-oħra b'idha ma' widintha, u ma tafx x'iktar ġara. Dak il-ħin bdiet tgħajjat ukoll għaliex kienet muġugħa u ma ratx b'għajnejha jekk missierha kienx qed jagħti lill-imputat bis-*safety shoes,* kif ġie suġġerit lilha. Missierha kien ċempel lill-Pulizija minnufih u b'hekk ma kellhiex ċans tipproċessa x'kien ġara. Il-Pulizija ġew fuq il-post u wara hija marret il-klinika u in segwitu l-Isptar.

Mariah Farrugia xehdet ukoll li għalkemm damet madwar sitt snin f'relazzjoni mal-imputat, qatt ma kellhom il-ħsieb li jiżżewġu u qatt ma kienu semmew iż-żwieġ u affermat illi għalkemm ommha u missierha ma kienux kuntenti b'din ir-relazzjoni u ma riduhiex tiltaqa' mal-imputat, hi xorta waħda kienet tiltaqa' miegħu minn wara daharhom. Qablet ukoll li l-imputat kellu karozza *automatic* u taf illi minħabba f'hekk ma setax jgħaqqad it-tyres. Ikkonfermat ukoll li kien missierha li kien

---

[2] Xhieda tat-30 ta' Marzu 2022.
[3] Xhieda tal-10 ta' Mejju 2023.

ġiegħelha tirrapporta l-inċident lill-Pulizija u dan għaliex dak iż-żmien kienet għadha tħobbu u ma setgħetx tagħraf l-abbuż li kienet għaddejja minnu.

**John Mary Farrugia**, missier Mariah Farrugia, xehed[4] illi fit-12 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tas-01:00h qam minħabba li kien qed iċempel it-telefon tad-dar iżda meta wieġeb ħadd ma wieġeb u n-numru li kien qed iċempel kien privat. Għall-ħabta tat-07:45h niżel fl-uffiċċju fil-garaxxa u sema' ħoss ta' xi ħaġa qed tinkiser. Tela' fuq u ra l-bieb tal-kamra tat-tifla tiegħu, Mariah, magħluq u reġa' niżel u ħareġ barra fil-parapett fejn ma ra xejn u daħal fil-kċina. Imbagħad niżlet Mariah u qaltlu li sabet ħġieġ fil-kamra tagħha u meta ra jittawwal ra l-injama tal-apertura tat-tieqa tal-kamra tagħha li tagħti fuq it-triq, maqlugħa u l-ħġieġ tat-tieqa imkisser. Dak il-ħin huma ħarġu fil-parapett u sema' karozza ġejja tiġri fit-triq u mbagħad ra lill-imputat, li qed isuq Suzuki Swift, jaqbad bott tal-birra b'idejh minn ġol-karozza stess waqt li kien nieżel fit-triq, iżda mbagħad dawwar u telaq, u l-bott tal-birra waqgħet fit-triq. Dan qatt ma nstab. John Mary Farrugia ikkonferma wkoll li huwa ma kienx ra li kien l-imputat li kisser it-tieqa.

Imbagħad, l-imputat reġa' ġie u niżel mill-karozza biex jiġġieled ma' Mariah. Beda jheddidha u jgħajjat b'ton irrabbjat, filwaqt li lilu beda jisfidah għall-ġlied u jheddu wkoll. Hu kien qal lil Sven biex jitlaq 'l hemm u jħallilhom bi kwiethom. Xehed illi għalkemm ma kienx daħal ġewwa, ma kienx baqa' barra għas-sodisfazzjon u baqa' fejn kien għaliex it-tifla kienet barra ħdejh. F'ħin minnhom l-imputat qabad lil bintu biex isawwatha u hu beda jżommha, iżda l-imputat "*reġa' ġie taha daqqa naħseb dak il-ħin weġġagħlha wiċċha*" u ċartilha wkoll il-flokk. Xehed illi l-imputat "*faqqagħlha daqqa f'widnejha*". Imbagħad meta l-imputat ġie t-tielet darba biex jattakkaha, hu laqagħlu billi xejjirlu daqqa u laqtu "*bi żbrixx*" ħdejn l-ispalla tal-lemin u dan bis-*safety shoes* li kien liebes dak il-ħin. Imbagħad l-imputat tah daqqa fuq ġenbu: dan seħħ fit-triq quddiem il-bieb tar-residenza tagħhom fiż-Żejtun quddiem martu li laħqet ħarġet mid-dar, u l-ġar tagħhom Marselle Azzopardi. John Mary

[4] Xhieda tal-4 ta' Mejju 2022 u kontro-ezami tal-10 ta' Mejju 2023.

Farrugia kompla jgħid li minnufih ċempel lill-Pulizija, mar jagħmel rapport u wara mar l-Isptar ma' bintu minħabba widnejha.

**L-imputat, Sven Bonnici**, ma xehedx quddiem il-Qorti iżda fit-13 ta' Marzu 2022 waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija, irrilaxxa stqarrija wara li għażel li jirrinunzja għall-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel u li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni[5]. Stqarr li kien f'relazzjoni ma' Mariah Farrugia u ċaħad li din ir-relazzjoni kienet spiċċat. Sostna wkoll li huma kienu għadhom jiltaqgħu kuljum iżda dan bil-moħbi ta' ommha u missierha għaliex huma ma riduhiex tiltaqa' miegħu għal raġuni li ma jafx x'inhi. Qal illi fil-ġurnata tal-inċident, ma kienx ma' Mariah għaliex qaltlu li kienet ħierġa ma' nisa kollegi tax-xogħol tagħha, iżda peress li kellu suspett li dan seta' ma kienx minnu, mar jiċċekkja u ra li kienet waħedha ma' tliet irġiel. Qal ukoll li wara, mar id-dar jorqod u ċaħad illi kien għadda minn quddiem ir-residenza ta' Mariah għall-ħabta tat-07:45h u faqqa' l-ħġieġ tat-tieqa tal-faċċata tad-dar tagħha. Sostna li l-verżjoni ta' Mariah u missierha kif rapportat lill-Pulizija hija gidba u mhux minnu li ħebb għaliha, taha daqqa fuq widintha u kkaġunalha ġrieħi fit-tambur. Innega wkoll li hedded lil ommha u lil missierha u sostna li missierha John Mary Farrugia tah xebgħa billi tah daqqa fil-kustilji u daqqa f'għajnejh u fix-xedaq, u ħarġitlu wkoll gundalla f'rasu. Madankollu, għalkemm mar l-Isptar biex jiġi eżaminat, ma kienx għamel CT scan fl-Isptar għaliex kellu n-nagħas u telaq. Innega li Mariah f'xi ħin taha xi daqqa.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien

[5] Ara stqarrija Dok. AM8 u d-dikjarazzjoni reġistrata mid-difiża fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022 fejn eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi dwar il-volontarjeta' tal-istess stqarrija rilaxxata mill-imputat u dwar id-dikjarazzjoni tar-rinunzja għall-jedd tal-assistenza legali qabel u waqt l-interrogazzjoni. Ara wkoll xhieda tal-Ispettur Audrey Micallef fir-rigward, xhieda tat-30 ta' Marzu 2022.

proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib lill-akkużat ħati ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkunx intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għandu jingħad ukoll illi, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[6], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. »*[7]

Ukoll:-

---

[6] Deciza 9.7.2003.

[7] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales."*[8]

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-preżenza tal-imputat fit-triq barra r-residenza ta' Mariah Farrugia fiż-Żejtun fit-12 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tat-07:45h, hija stabbilita mix-xhieda ta' Mariah Farrugia u missierha John Mary Farrugia u l-Qorti ma għandha ebda dubju li l-inċident li ddeskrivew fid-depożizzjoni rispettiva tagħhom, tassew seħħ. Magħdud dan il-fatt illi John Mary Farrugia xehed li l-imputat ġie quddiem id-dar tiegħu b'karozza sewda tal-għamla Suzuki Swift: mix-xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri jirriżulta li tassew l-imputat fit-12 ta' Maru 2022 kien is-sid liċenzjat ta' vettura tal-għamla Suziki Swift ta' lewn iswed[9]. Fuq kollox, l-imputat stess, waqt l-interrogazzjoni, asserixxa li John Mary Farrugia kien tah xebgħa waqt l-inċidenti li kien qed jiġi interrogat dwaru - li għall-Qorti jfisser affermazzjoni da parti tal-imputat li l-inċident fil-fatt seħħ.

Huwa minnu li kif ġie sottomess mid-difiza, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq bħala xhieda lil omm il-vittma u l-ġara, ċertu Marcelle Azzopardi li skont kif xehed John Mary Farrugia, kienu preżenti talanqas meta huwa ta daqqa lill-imputat wara li

[8] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[9] Ara Dok. CS1, paġna 91 tal-atti tal-kawża.

reġa' ġie biex jipprova jsawwat lil bintu. Huwa minnu wkoll illi l-liġi tiddisponi li għandha tinġieb l-aħjar prova u tkun kompluta minn kollox u ma jitħalla xejn barra li jkun materjali u importanti għall-kaz. Iżda l-liġi tgħid ukoll illi dan għandu jkun "*bħala regola.*" Filwaqt illi naturalment, dan huwa dejjem deżiderabbli, ma jfissirx illi jekk il-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq il-prova ta' xi xhud, ifisser allura li t-teżi tagħha tkun kompromessa irrimedjabbilment. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti, liema evalwazzjoni ssir mill-Qorti bl-applikazzjoni tal-prinċipji fuq enunċjati in materja tal-kredibbilita' tax-xhieda u l-grad tal-prova li jrid jintħalaq.

Il-Qorti analizzat attentament it-testimonjanza ta' Mariah Farrugia u ta' missierha John Mary Farrugia u ma riskontrat ebda inkonsistenza fil-verżjonijiet rispettivi tagħhom dwar il-fatti li seħħew fit-12 ta' Marzu 2022 barra r-residenza tagħhom u speċifikatament, dwar il-fatt illi l-imputat ħareġ mill-karozza tiegħu biex iħebb għal Mariah Farrugia u taha daqqa ta' id fuq widintha tan-naħa tax-xellug. Mariah Farrugia xehdet bla tlaqliq kif l-imputat ġie quddiemha u taha daqqa b'idu ċatt fuq widintha, f'liema waqt qabadha uġigħ kbir u bdiet iżżomm widintha b'iha. John Mary Farrugia, li jirriżulta illi kien preżenti ħdejn bintu meta l-imputat ġie biex jaggrediha, xehed illi huwa ra lill-imputat jagħtiha daqqa "*faqqagħlha daqqa f'widnejha*". Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta jew kuntrastata bi provi kuntrarji u ma hemm xejn fl-atti u fil-provi proċesswali li jnaqqax mill-konvinċiment tal-Qorti li kien l-imputat u ħadd iktar li weġġa' lil Mariah Farrugia.

L-imputat kif rajna, ċaħad waqt l-interrogazzjoni li kien hu li weġġa' lil Mariah Farrugia iżda fl-istess ħin afferma illi jaf li Mariah kienet weġġħet waqt dan l-inċident għaliex stqarr li l-Pulizija qalulu li bil-ġrieħi li kienet sofriet, u ommu qaltlu li meta ċemplet lil Mariah biex tara kif inhi, kienet qaltilha li "*m'għandha xejn gravi ... u li ma kienetx deċiżjoni tagħha li tagħmill(u) rapport...*". Stqarr ukoll meta ġie mistoqsi dwar kif iħossu wara dak li ġara: "*Mhux tgħaddi mal-oħrajn?*" u sostna li missier Mariah tah xebgħa u jixtieq jagħmillu rapport. Xebgħa li John Mary Farrugia fix-xhieda tiegħu afferma li kien tassew ta lill-imputat iżda dan wara li bintu sfat

aggredita u msawtha f'widnejha mill-imputat innifsu u f'waqt meta l-imputat reġa' pprova jħebb għaliha.

Il-Qorti ma taqbilx mal-argoment tad-difiża li John Mary Farrugia ma kienx ċert jekk l-imputat tax daqqa lil Mariah jew le – il-Qorti fehmet li l-inċertezza li esprima kienet dwar jekk bintu weġġgħetx f'wiċċha dak il-ħin, u mhux jekk l-imputat tahiex daqqa jew le. Fil-fatt, kompla jfisser fid-depożizzjoni tiegħu illi l-imputat: "... *taha daqqa bejn widintha hekk u għamililha ħsara fit-tambur*" u dan kollu ġara quddiem wiċċu. Lanqas m'hi konvinta bit-teżi tad-difiza, fit-trattazzjoni, li seta' kien John Mary Farrugia li laqat lil bintu bi żball u din l-allegazzjoni mhux biss ma ssib ebda konfort kwalsiasi fil-provi proċesswali, iżda hi kompletament fiergħa. Ukoll, meta Mariah Farrugia xehdet in kontro-eżami "*Jien ma nafx x'ġara onestament għax ma kontx qed inħares. L-inċident x'ġara ma rajtux*"[10] kienet qiegħda twieġeb għas-suġġeriment tad-difiża li missierha beda jagħti lill-imputat bis-*safety shoes*, u mhux għad-daqqa li qalgħet f'widnejha.

B'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll illi kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiza fit-trattazzjoni, il-Qorti tqis illi l-fatt li John Mary Farrugia stqarr fix-xhieda tiegħu li kien sawwat lill-imputat, hu immaterjali u ma jista' jservi ta' ebda fejda għall-imputat għaliex il-Qorti fehmet illi dan seħħ x'ħin l-imputat reġa' ġie biex jipprova jsawwat lil Mariah Farrugia **wara** li kien diġa' aggrediha u weġġagħha f'widnejha.

Minn dan kollu, il-Qorti hija pjenament konvinta illi l-verżjoni ta' Mariah Farrugia u John Mary Farrugia hija mhux biss konsistenti, iżda pjenament kredibbli u affidabbli u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tagħżel li temmen lil dawn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni dwar kif żvolġa l-inċident u x'wassal biex Mariah Farrugia ġarrbet l-offiża f'widintha, u mhux il-verżjoni tal-imputat li ċaħad li huwa aggredixxa lill-parti leża. M'hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkontradixxi l-verżjoni tagħhom f'xi partikolarita' materjali,

---

[10] Ara paġna 133 tal-atti tal-kawża.

u m'hemm xejn lanqas li tinstawra xi dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-veraċita' tal-verżjoni ta' Mariah Farrugia u missierha. Fuq kollox, kif rajna, l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi x-xhieda ta' xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit illi l-imputat aggredixxa lil Mariah Farrugia u weġġagħha, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi n-natura tal-offiżi subiti minnha. L-eżamijiet li saru fl-Isptar fit-12 ta' Marzu 2022 wrew li kien hemm tiċrita fit-tambur tal-widna tan-naħa tax-xellug, ċioe' perforazzjoni tat-*tympanic membrane*[11]. L-espert mediko-legali maħtur mill-Qorti kkonkluda li din il-leżjoni hija ta' natura gravi *per durata* u seħħet b'riżultat ta' *blunt trauma* vjolenti fuq il-widna.

Meta xehdet fit-30 ta' Marzu 2022, Mariah Farrugia qalet li sofriet tiċrita fit-tambur ta' widnejha, iżda billi kienu għaddew tliet ġimgħat mill-inċident setgħet terġa' tisma'. Fil-fatt, meta ġiet eżaminata fis-6 ta' Ġunju 2022 mill-espert mediko-legali maħtur mill-Qorti, ma nstabitx evidenza ta' leżjonijiet interni fil-widna u lanqas evidenza ta' persistenza tal-perforazzjoni tat-*tympanic membrane* ("*tambur imtaqqab*"[12]). Madankollu, waqt l-eżami ilmentat li kienet baqgħet tbati minn sturdamenti akkumpanjati minn dardir u tisma' t-tifsir f'widnejha x-xellugija (*tinnitus*), u kien naqsilha wkoll is-smigħ minn dik il-widna. Fir-rigward, l-espert ġudizzjarju kien esprima l-fehma illi dawn is-sintomi kellhom jgħaddulha mat-trapass taż-żmien[13] u fil-fatt, meta reġgħet xehdet fl-10 ta' Mejju 2023, ikkonfermat illi widintha kienet ġiet lura għan-normal.

Dan ġie affermat mill-istess espert ġudizzjarju wara li reġa' eżamina lil Mariah Farrugia fis-16 ta' Settembru 2023 fuq talba tad-difiża milqugħa mill-Qorti b'digriet tas-27 ta' Lulju 2023: hawnhekk kien sab illi l-perforazzjoni f'widintha kienet għalqet

[11] Ara xhieda ta' Dr. Glenn Garzia u ċertifikat mediku Dok. AM5.
[12] Xhieda ta' Dr. Mario Scerri, 27 ta' Lulju 2023.
[13] Ara rapport Dok. MS1 u xhieda ta' Dr. Mario Scerri tat-13 ta' Ġunju 2022.

għal kollox u billi l-vittma ma baqgħetx tilmenta b'uġigħ ta' ras, sturdamenti u nuqqas ta' smigħt, ikkonkluda illi l-offiża ma kellhiex, wara kollox, effetti permanenti[14].

Illi l-artikoli tal-ligi kwotati mill-Avukat Generali b'referenza għall-imputazzjoni dwar l-offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mariah Farrugia, huma *inter alia* l-artikoli 216(1) u 218(1) tal-Kap. 9 mingħajr, iżda, ma ġew indikati l-paragrafi partikolari li fihom qed jiġi allegat li tirrientra l-offiża subita minn Mariah Farrugia.

Illi offiza hija gravissima fit-termini tal-artikolu 218(1)(a) u (b) tal-Kap. 9:-

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi mbaghad l-artikolu 216(1) tal-Kap. 9 jipprovdi hekk:-

*"L-offiża fuq il-persuna hija gravi.....*

*(a) jekk tista' ġġib periklu –*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

[14] Ara xhieda Dr. Mario Scerri tal-15 ta' Novembru 2023, u relazzjoni Dok. MS2.

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien."*

Biex il-Qorti tista' tasal biex issib ħtija għar-reat taħt l-artikolu 216 u l-artikolu 218 tal-Kap. 9, irid ikollha ċ-ċertezza morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-offiżi li ġarrbet il-vittma jirrientraw f'waħda minn dawk l-offiżi prospettati espressament mill-imsemmija dispożizzjonijiet legali. Biex l-offiża titqies li hija gravi a tenur tal-artikolu 218 tal-Kap. 9, irid jiġi riskonstrat ukoll l-element ta' permanenza u gravita' tal-istess offiżi.

Jingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant*

*tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[15]

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma jirriżultax illi l-offiżi li ġew ikkaġunati lil Mariah Farrugia, ċioe' l-perforazzjoni tat-tambur tal-widna, tirrientra f'xi waħda mix-xejriet differenti tal-offiża gravi taħt l-artikolu 216 u l-artikolu 218 tal-Kap. 9. Indubbjament, minħabba li ġie eskluż mill-vittma nnifisha kif ukoll mill-espert ġudizzjarju mediko-legali, illi l-offiża ħalliet effetti permanenti, ma tistax tinstab ħtija taħt l-artikolu 218 tal-Kap. 9. Eskluż l-element tal-permanenza tal-offiża, għal dak li għandu x'jaqsam l-artikolu 216 tal-Kap. 9, ma jirriżultax li l-offiża ġabet perikolu tal-ħajja u lanqas xi perikolu tal-permanenza u lanqas saret fl-idejn, il-wiċċ jew l-għonq tal-parti offiża. Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-Prosekuzzjoni, il-ferita ossia t-tiċrita tat-tambur tal-widna, m'hijiex waħda li "*tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem*" għaliex il-widna, evidentement, m'hijiex waħda mill-kavitajiet tal-ġisem u l-element tal-penetrazzjoni, ossia dħul, tal-ferita hu wkoll manifestament mankanti. Skont kif ġie mfisser minn Dr. Glenn Garzia fix-xhieda tiegħu, it-tifqigħa tat-tambur ġiet ikkaġunata **mhux minn leżjoni penetrattiva iżda minn blunt trauma** li x'aktarx ħolqot pressjoni tal-arja fit-*tympanic canal*.

Ma nġiebet ebda prova kwalsiasi illi l-offiża żammet lil Mariah Farrugia milli tmur għax-xogħol tagħha għal ebda ammont ta' żmien, u xehdet hi stess illi wara tliet ġimgħat, setgħet terġa' tisma'. Huwa minnu li mir-relazzjoni Dok. MS1 u mix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri jirriżulta illi waqt l-eżami li sarilha fis-6 ta' Ġunju 2022, tliet xhur wara l-inċident, Mariah Farrugia ilmentat li kienet għadha tbati minn sturdamenti u dardir kif ukoll b'tisfir f'widnejha u nuqqas ta' smigħ iżda l-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi **Mariah Farrugia qatt ma xehdet fl-eżami jew fil-kontro-eżami quddiem il-Qorti li baqgħet tbati minn xi wieħed mill-imsemmija effetti tat-trawma**.

Il-Qorti tistenna illi l-prova dwar il-marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iktar, issir dejjem bix-xhieda tal-vittma nnifisha quddiem il-Qorti u mhux

[15] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

biss permezz ta' kostatazzjonijiet li jsiru biss abbażi ta' stqarrijiet lill-espert ġudizzjarju waqt xi eżami, liema kostatazzjonijiet ma ġewx ukoll oġġettivament riskontrati jew m'humiex oġġettivament riskontrabbli. Applikat dan għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi ġaladarba l-vittma ma lmentax fix-xhieda li wara tletin ġurnata kienet għadha qed tbati minn nuqqas ta' smigħ, tinnitus jew vertigo – għall-kuntrarju, fit-30 ta' Marzu 2022 ikkonfermat li "*kollox f'postu*" - jeżisti dubju serju dwar il-permanenza ta' dawn is-sintomi bħala marda tal-moħħ jew il-ġisem għal perijodu ta' iktar minn tletin ġuranta. **Dan id-dubju għandu jibbenefika lill-imputat u konsegwentement, dan kollu magħdud, il-Qorti hi tal-fehma li ma ġiex ippruvat kif imiss li l-offiża kkaġunata lil Mariah Farrugia hija waħda gravi la għall-finijiet tal-artikolu 218 u lanqas għall-finijiet tal-artikolu 216 tal-Kap. 9**.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab ħati li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa lil Mariah Farrugia, a tenur tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9. Il-Qorti ma għandha l-ebda riżerva f'dan il-każ biex teskludi b'mod assolut li l-offiża setgħet kienet waħda ta' importanza żgħira moralment jew għal dak li għandu x'jaqsam il-ġisem tal-parti offiża.

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika l-artikoli 222(1)(a) u 202(h)(vi) tal-Kap. 9 bħala aggravanti tal-piena tar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni li dwaru, ikif ġia' stabbilit, l-imputat għandu jinstab ħati.

L-artikolu 221(1)(a) tal-Kap. 9 jiddisponi li l-piena msemmija *inter alia* fis-subartikolu (1) tal-artikolu preċdenti, 221, tiżdied bi grad meta l-offiża ssir:

"*... fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);*"

Billi l-imputat u l-parti offiża ma kienux miżżewġin u Mariah Farrugia m'hijiex lanqas waħda mill-persuni l-oħra, qraba mid-demm, imsemmija fil-paragrafu (a)

appena ċitat, il-Qorti sejra tistħarreġ jekk tinkwadrax bħala waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafu (h) tal-artikolu 202 tal-Kap. 9, speċifikatament fis-sub-paragrafu (vi) ċitat espressament mill-Avukat Ġenerali.

L-artikolu 202 tal-Kap. 9 jiddisponi li l-piena għandha tiżdied bi grad sa żewġ gradi fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin, fosthom:-

*(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':*

...

*(vi) persuna oħra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;*

Mill-provi hu stabbilit illi l-imputat kien f'relazzjoni ma' Mariah Farrugia, il-vittma tal-offiża ħafifa li wettaq fuqha, għal sitt snin jew iktar. Dan xehditha Mariah Farrugia stess, filwaqt li l-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu afferma illi kien f'relazzjoni magħha u li din ir-relazzjoni kienet għadha ma spiċċatx meta seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni. Għaldaqstant, għalkemm hu minnu li Mariah Farrugia eskludiet li kien hemm xi ħsieb li hi u l-imputat jiżżewġu, hija xorta waħda għandha titqies bħala persuna li kienet f'relazzjoni mal-imputat għall-fini tal-aggravanti tal-piena taħt il-paragrafu (h)(vi) tal-artikolu 202 tal-Kap. 9 u għalhekk il-Qorti ma għandhiex diskrezzjoni biex ma żżidx il-piena mill-inqas bi grad wieħed.

**<u>Ir-Raba' Imputazzjoni</u>**

Ġie mixli l-imputat li saq il-vettura tal-għamla Suzuki bin-numru ta' reġistrazzjoni ICF-949 b'mod traskurat, perikoluż u bla kont bi ksur tal-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ġie ritenut in materja illi:-

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*"[16]

X'jikkostitwixxi perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont, huwa wkoll ben stabbilit fis-sistema ġuridika taghna. Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[17] , intqal hekk:-

"*Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom.  Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]* »

Mix-xhieda jirriżulta illi l-imputat saq "*ftit bis-saħħa*" fit-triq fejn toqgħod Mariah Farrugia u meta niżel fit-triq kien ġej "*jiġri*".  Għall-Qorti din m'hijiex prova biżżejjed biex tinstab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, mhux biss għaliex ma saritx prova li kien hemm persuni li kienu għaddejjin fit-triq dak il-ħin jew li l-imputat kien ta' perikolu għal xi persuna jew il-proprjeta' tagħhom, iżda wkoll għaliex ma jirriżultax mill-atti u l-provi proċesswali li l-veloċita' li kien qed isuq biha l-imputat kienet eċċessiva għall-akkwati jew li kiser xi regolament tat-traffiku.  Fil-fatt, John Mary Farrugia għalkemm xehed illi l-imputat  "*kien ġej riħ*", sostna illi ma kienx qed

[16] **Il-Pulizija vs. Michael Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.
[17] 13 Vol. LXXXI.iv.157.

isuq "*bħal Formula 1*" u fl-ebda waqt ma ġie allegat li l-imputat għamel xi mossa jew manuvra fis-sewqan tiegħu li ma kienetx issir minn sewwieq ragonevoli u prudenti. Fuq kollox, John Mary Farrugia saħaq, bla tlaqliq, li l-imputat "*ma ġiex biex itajjarna jew iweġġagħna*" u għalhekk, kollox magħdud, il-Qorti ma tistax tkun sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi fil-grad meġtieġ għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 15(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Għalhekk l-imputat mhux sejjer jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni.

**Reati Kontravvenzjonali**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9, ċioe' illi fit-12 ta' Marzu 2022 fiż-Zejtun, mingħajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin (b'bott tal-birra), jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra s-sieħba tiegħu.

Bla tlaqliq il-Qorti tqis illi l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat, addebitat fit-tieni imputazzjoni. Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni, għamlet referenza għall-bott tal-birrra li ġie mwaddab mill-imputat. Mill-provi, il-Qorti fehmet illi l-unika darba li ssemma bott tal-birra kien fid-depożizzzjoni ta' John Mary Farrugia li xehed illi meta ra l-imputat nieżel bil-karozza fit-triq fejn joqogħdu l-istess John Mary Farrugia u bintu Mariah, osservah jaqbad bott tal-birra minn ġol-karozza. Madankollu, xehed ukoll illi dan il-bott tal-birra "waqa' fit-triq" u fl-ebda waqt ma qal jew allega li l-imputat hedded lilu jew lil bintu bil-bott tal-birra, jew li waddbu, wisq inqas li waddbu fid-direzzjoni tagħhom. Fuq kollox, ikkonferma li l-bott tal-birra qatt ma nstab fit-triq u għalhekk, f'kull każ hija nieqsa l-aħjar prova tal-eżistenza tal-bott tal-birra, kif ukoll il-prova tal-element kostituttiv tar-reat taħt l-artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9 li l-oġġett iebes ġie mwaddab jew sar theddid bih. Għall-bqija, ma ġiex prodott prova li kien l-imputat li kien waddab xi ġebla kew oġġett ieħor iebes lejn it-tieqa tal-kamra ta' Mariah Farrigia u kisser il-ħġieġ – ħadd ma xehed illi ra lill-imputat jixħet xi oġġett lejn din it-tieqa.

Ikkunsidrat;

Illi minn dak li ġie appena kkunsidrat u deċiż, jikkonsegwi wkoll li l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 3 tal-Att dwar Żibel u Skart (Kap. 206), addebitat fit-tielet imputazzjoni, għaliex kif rajna, il-bott tal-birra li allegatament waqa' mill-karozza tal-imputat, qatt ma nstab fit-triq u għalhekk, il-prova tal-eżistenza tal-oġġett materjali u t-tħollija tiegħu f'post pubbliku jew spazju fil-miftuħ li l-pubbliku għandu aċċess għalih - tnejn mill-elementi kostituttivi tar-reat - ma saritx kif imiss, bħalma ma saritx lanqas il-prova tal-element l-ieħor essenzjali tar-reat ċioe' n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni skont il-liġi.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għar-reat addebitat fil-ħames imputazzjoni, taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, dan ukoll ma ġiex ippruvat kif imiss. Hawnhekk l-imputat ġie mixli li inġurja jew hedded lil Mariah Farrugia. Tassew John Mary Farrugia xehed illi l-imputat hedded sija lilu u sija wkoll lil bintu, iżda mhux biss baqa' ma fissirx f'hiex jikkonsisti dan l-allegat theddid talli l-imputat ma ġiex mixli li hedded lil John Mary Farrugia u fuq kollox, l-allegat vittma fl-ebda waqt ma xehdet li l-imputat heddidha wisq inqas li inġurjaha.

Ikkunsidrat;

Illi ġie addebitat ukoll ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Din il-kontravvenzjoni hija dik li fil-Liġi Ingliża hija '*a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pio**

**Galea**[18], fejn ingħad illi biex jissussisti dan ir-reat: "*irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reażżjoni għal dak l-għemil.*"

Imbagħad, iktar riċentement, fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[19] , l-istess Qorti reġgħet trattat l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil***. (emfasi ta' din il-Qorti)[20]

Minn dan jikkonsegwi illi għas-sejbien ta' ħtija għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, għalkemm mhux meħtieġ li tinġieb il-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun

[18] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997.

[19] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

[20] Iktar riċentement, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:- "*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, **we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'** (p.182).*" (emfasi ta' din il-Qorti)

kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra dwar l-inkolumita` tagħhom.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, fejn il-Qorti diġa' deċidiet illi huwa ppruvat sodisfaċjentment illi l-imputat niżel mill-karozza tiegħu u ħebb għal Mariah Farrugia u laqatha f'widnejha, tqis li dan kien aġir vjolenti li bla dubju, anke oġġettivament, ikun xpruna fil-vittma kif ukoll f'missierha - li kien preżenti u baqa' ħdejn bintu tabilħaqq għaliex ra lill-imputat iġib ruħu b'aggressjoni - ċertu qies ta' tħassib għall-inkolumita' tagħha. Għaldaqstant, għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali.

**L-Addebitu tar-Reċidiva u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446**

L-imputat ġie mixli wkoll li huwa reċidiv għall-fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9. In sostenn ta' dan l-addebitu l-Proksekuzzjoni esebiet bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur kopja informali ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' Settembru 2018, liema sentenza ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-Assistent Reġistratur tal-Qorti fix-xhieda tagħha fit-3 ta' Ottubru 2022 bħala sentenza li ngħatat mill-Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo u li minnha ma kienx ġie interpost ebda appell. Minn eżami ta' din is-sentenza jirriżulta li Sven Bonnici li għandu l-istess konnotati tal-imputat odjern u l-istess numru tal-karta tal-identita', ġie misjub ħati ta' diversi delitti iżda minflok ma ġie kundannat, inħareġ fil-konfront tiegħu Ordni ta' Probation taħt l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation (Kap. 446) għal żmien tliet snin.

L-Assistent Reġistatur tal-Qorti esebiet hija stess ukoll kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-10 ta' Ottubru 2019 (Dok. SCT1) fejn Sven Bonnici li għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern, instab ħati ta' delitt iżda minflok piena ngħata ordni għal liberazzjoni kondizzjonata għal żmien sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu 49 tal-Kap. 9 jiddisponi li persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija, li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

Biex persuna titqies bħala reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9, irid jiġi ppruvat illi l-persuna tkun ġiet ikkundannata għal delitt u tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha.

Iżda bil-prova taż-żewġ sentenzi li ingħataw fil-konfront tal-imputat odjern[21], fejn ġie misjub ħati ta' delitti, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova li l-imputat ġie kundannat preċedentement għal reat kriminali. Is-sanzjonijiet taħt l-Att dwar il-Probation u speċifikatament ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata taħt l-artikolu 22 u ordni ta' Probation taħt l-artikolu 7 tal-imsemmi Kap. 446 m'humiex kundanni jew pieni iżda sanzjonijiet. Kemm hu hekk l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jiddisponi espressament illi l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata tingħata meta *ma jkunx spedjenti li twaħħal piena*", filwaqt illi ordni ta' probation taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tingħata mill-Qorti "*minflok tagħti sentenza dwar il-ħati*". Għalhekk, sentenza fejn il-ħati jitpoġġa taħt ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata jew ordni ta' Probaiton, ma tistax titqies bħala "*kundanna*" għal reat kriminali (jew għal delitt) għall-fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Barra dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq kopja awtentikata ta' xi sentenza oħra li kkundannat lill-imputata għal reat kriminali u infliġġiet piena. Huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina penali m'hijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

---

[21] Dok. AM10 u xhieda ta' Stephanie Calafato Testa tat-3 ta' Ottubru 2022; u Dok. SCT1.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni tallega wkoll li fit-12 ta' Marzu 2022, l-imputat ikkommetta reat kriminali waqt il-perijodu operattiv ta' ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata li ngħatat b'sentenza tal-10 ta' Ottubru 2021, u għaldaqstant għandhom isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kap. 446, b'dan li l-Qorti tista' tittratta miegħu għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta miegħu li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati għal dak ir-reat li dwarhom ġie maħruġ fil-konfront tiegħu l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti fliet l-atti u l-provi u tosserva illi s-sentenza li permezz tagħha l-imputat odjern ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn, ingħata fl-10 ta' Ottubru 2019[22] u mhux fl-10 ta' Ottubru 2021 kif addebitat fiċ-ċitazzjoni. Dan ifisser illi fit-12 ta' Marzu 2022 meta l-imputat ikkommetta r-reat taħt l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Mariah Farrugia u r-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata ma kienetx għadha fis-seħħ għaliex kienu għaddew iktar minn sentejn.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tipproċedi fil-konfront tal-imputat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kap. 446 għaliex ma jirriżultax li huwa kkommetta r-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, fit-12 ta' Marzu 2022, matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**<u>Piena</u>**

Illi għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata fuq sejbien ta' ħtija għar-reati taħt l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 biż-żieda fil-piena taħt l-artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. 9 bl-

---

[22] Id-data tal-10 ta' Ottubru 2021 ġiet indikata erronjament anke fil-fedina penali tal-imputat, Dok. AM1.

applikazzjoni tal-artikolu 222(1)(a), il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi. Qabel xejn il-gravita' tad-delitt kommess mill-imputat u wkoll il-fedina penali mhux netta tiegħu fejn jirriżulta li għalkemm kien għad kellu biss 21 sena fiż-żmien meta wettaq ir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, l-imputat kien diġa instab ħati ta' diversi delitti inkluż ħsara volontarja, subordinazzjoni u pussess ta' droga. Għalkemm ingħata sanzjonijiet fil-komunita' minflok piena evidentement l-imputat ma għarafx jirriforma ruħu u jżomm 'il bogħod mill-kriminalita' u immanifesta aġir aggressiv u vjolenti li bla dubju jimmerita piena idonea li sservi ta' deterrent u twassal messaġġ ċar illi jekk ikompli miexi fit-triq tal-kriminalita', sejjer jingħata piena karċerarja effettiva. **L-imputat la wera ebda rimors għal egħmilu u lanqas wera ruħu dispost li jirriforma ruħu – għall-kuntrarju, hu ċaħad b'mod assolut li weġġa' lis-sieħba tiegħu u meta ġie mistoqsi fl-interrogazzjoni kif iħossu dwar dak li ġralha, stqarr li din kellha "*tgħaddi mal-oħrajn*" u baqa' jwebbes rasu li anke jekk xi ħadd spiċċa weġġa', hu ma għamel xejn ħażin.**

Minn dan il-Qorti fehmet li l-imputat ma jaqbilx li hemm lok għal titjib fil-mod kif iġib ruħu. Tqis ukoll li imġieba vjolenti bħal dik manifestata mill-imputat hi deplorevoli, ma għandhiex post fis-soċjeta' u ma għandhiex tiġi tollerata, wisq inqas meta din isseħħ fil-forma ta' vjolenza domestika.

Kollox magħdud, il-Qorti tqis illi għalissa piena karċerarja sospiża bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tkun waħda idonea biex l-imputat ikollu x-xabla mdendla fuq rasu, anke għaliex mhux qed jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva u wkoll għaliex il-vittma ddikjarat li taħfirlu.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati addebitati fit-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u lanqas għall-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-addebitu taħt l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-artikoli 17, 31, 202(h)(vi), 221(1), 222(1)(a) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil SVEN BONNICI ħati tal-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet u tikkundannah erba' (4) xhur**

**priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fi żmien sentejn.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta' ħames mija u dsatax-il Euro u għaxar ċenteżmi (€519.10), rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri[23] fi żmien tmien (8) xhur.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex jinżamm il-bon ordni pubbliku u biex ma jimmolestax lil Mariah Farrugia u dan taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[23] Dr. Mario Scerri – relazzjonijiet Dok. MS1 u Dok. MS2.